# PJAN TAL-LEZZJONI

**Titlu: Ta' madwari**

**Subtitle: 8.6 X'irid minni Ġesu'**

**Għanijiet:**



Sal-aħħar ta' din il-lezzjoni, it-tfal ser:

1.isiru jafu dwar il-Beatitudnijiet, sentenza illi qalilna Ġesù dwar il-ferħ.

2. jitgħallmu t-tifsira ta' ftit mill-Beatitudnijiet.

3. jiddiskutu beatitudnijiet/versi differenti permess ta' eżempji konkreti u ser ikunu jafu kif jistgħu japplikkawhom f'ħajjithom

**Riżorsi għal-lezzjoni:**



- Pawerpojnt 'Il-Beatitudnijiet'
- Karti ta' taħriġ 8.6
- **video** https://www.youtube.com/watch?v=Dx6RWOuF1M8

## Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu



- Staqsi: X'għandna nagħmlu biex inkunu kuntenti dawk ta' madwarna jkunu kuntenti?
- Niżżel il-kliem kollu fuq il-bord. Niddiskutu kif ħ jkunu semmew kien għallimomna Ġesù. Spjega li minnha li nħobbu lill-oħrajna, nippruvaw nġibu l-p
- Spjega li llum ser nitkellmu dwar l-Beatitudnijiet li qishom regoli li tana Ġesù sabiex jgħinna nkunu nafu x'għandna nagħmlu biex inkunu ferħanin. Spjega li hu jaħseb anki f'dawk in-nies li jbatu għaliex jgħidilna li eventwalment wara l-ħajja fuq din l-art huma igawduh fis-saltna t'Alla jiġifieri fil-ġenna.

## Nisimgħu flimkien (actual lesson)



- Ibda rrakonta kif darba Ġesù tela' fuq muntanja flimkien mal-appostli u folol ta' nies. Hawnhekk Ġesùħa l-opportunita' sabiex jgħinhom ikunu jafu kif għandhom ikunu kuntenti u li minkejja li nbatu għandna niftakru li fl-aħħar mill-aħħar jkollna l-isbaħ rigal, dik li nkunu kuntenti.
- Iftaħ il-<u>pawerpojnt</u> fejn pormess ta' stampi u kliem ssimplifikat għat-tfal huma ser isiru jafu xi ftit mill-Beatitudnijiet li qal Ġesù.

  *<u>L-ewwel Beatitudni: Ħenjin l-foqra l-ispirtu</u>*
- spjegata permezz ta' stejjer li jinsabu fl-islajd li jmiss.
- Irreferi għal-lezzjonijiet ta' qabel fejn kien ġie diskuss illi mhux il-materjali li nixtru bil-flus huma kollox, imma kemm int kapaċi tapprezza dak kollu li għandek.

*<u>It-tieni Beatitudni: Ħenjin dawk li jħennu</u>*

Spjega li fil-lezzjoni li jmiss ser nidħlu f'aktar dettall ta' xi jfisser li nħennu għal xulxin. Staqsi lit-tfal xi tifsser għalihom li nħennu għall-oħrajn – Ngħinu. Lil min hu fil-bżonn. Sabiex tgħinhom jifhmu fl-islajd li jmiss irrakuntalhom storja qasira ta'

- ħniena fejn naraw li għax it-tifla tkun ħennet, hi wkoll sabet min iħenn għaliha/jgħinha.

*__It-tielet Beatitudni: Ħenjin dawk ta' qalbhom tajba__*

- Stieden it-tfal jagħtu eżempji huma stess ta' kif nuru li għandna qalbna tajba.

*__Ir-raba' Beatitudni: Ħenjin dawk li jġibu l-paċi__*

- iddiskuti x'jistgħu jagħmlu t-tfal biex iġibu l-paċi. Niddiskutu permezz ta' eżempji reali li jiffaċċjaw f'ħajjithom.

*__Il-ħames Beatitudni: Ħenjin dawk li huma ppersegwitati__*

- iddiskuti kif kultant meta nagħmlu t-tajjeb u dak li jrid minna Alla, ma jfissirx li mhux ser insibu min jipprova jwaqqafna. Hawnhekk niddiskutu kemm huwa importanti li nemmnu fina nfusna u ma nħallu lil ħadd milli jwaqqafna milli nagħmlu dak li hu tajjeb.
- Stieden lit-tfal jiftħu l- Ktieb tal-Attivitajiet, aqra s-silta mogħtija u flimkien wassal lit-tfal isibu l-kelma permezz tal-istampi mogħtija ( ĠESU)
- Stieden lit-tfal ipinġu l-istampa u jimlew s-sentenza.
- Iddiskuti Attivita 3 u oħroġ il-punt li qatt m'għandna niġġieldu qatt.
- Agħlaq il-lezzjoni billi stieden lit-tfal ikantaw mas-song (video)

**Nikbru flimkien (punti saljenti tal-lezzjoni)**

- Ma' Ġesu' aħna dejjem ferħanin

Gesu qalilna: Ħenjin dawk li jġibu l-paċi għax huma jissejħu wlied Alla

## Nagħżlu flimkien (Attitude)

It-tfal jifhmu u juru permezz ta' eżempji u diskussjonijiet li fil-ħajja tagħhom jekk jaħdmu biex jgħinu, jżommu l-paċi u jagħmlu dak li jixtieq minnhomm Alla, dan iwasasl biex huma jkunu aktar ferħanin.




## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Diska

Iftaħ https://www.youtube.com/watch?v=Dx6RWOuF1M8

It-tfal ser ikantaw mad-diska billi jimxu mal-kliem ta' fuq il-video.

F'dan il-video t-tfal ser ikunu qed jirringrazzjaw lil Alla talli ajgħmilhom ferħanin u jgħidilu li ser jimxu warajh. Jgħidulu wkoll li ser jitgħallmu mingħandu kif għandhom jħobbu, jaqsmu mal-oħrajn, jitolbuh jgħinhom x'għandhom jagħmlu biex jagħmlu dak li jrid minnha hu.



**Nitolbu**

Mulej gazzi talli dejjem taħseb fina. Mulej għin lil dawk li qed ibatu minħabba nies oħra li jippruvaw iwaqqfuhom milli jagħmlu dak li hu sewwa. Agħtihom l-kuraġġ u s-saħħa li għandhom bżonn. Għinna inkunu strumenti tal-paċi billi nagħmlu dak li hu ta' ġid għall-kulħadd u mhux noħolqu aktar ġlied.

